# MUT declares trade dispute with the Dominican Order in Malta

*MUT supports pacific protest of educators and learning community of Saint Albert the Great College*

Wednesday, 27th July 2022

In a supportive action towards the spontaneous protest of educators and parents, who gathered in front of St Albert the Great College in Valletta, the MUT is affirming the following:

The MUT has communicated with the Provincial of the Dominican Order in Malta, responsible for Saint Albert the Great College, following the dismissal of the Head of School, Mr Mario Mallia. The union condemns the draconian tactics adopted by the pseudo-board, set up by the Rector P. Aaron Zahra within the same Dominican Order, as an oppressive vehicle to fire Mr Mallia, the Head of St Albert the Great College. The MUT stands with Mr Mallia, a most respected educator who has been leading the school for the past sixteen years.

Upon hearing that members of staff and parents were gathering to organise a pacific protest, the same Rector, through the pseudo-board, sent three legal letters to members of staff to intimidate them and to stop the spontaneous initiative being taken by those supporting the cause. St Albert the Great College is a leading educational institution that deserves leadership with a strong educational leadership background and a forward looking vision.

It is to this effect that the MUT deems that the Rector, who is not a warranted educator, cannot assume the headship role of the school as announced by him in a letter sent to parents. The MUT also questions the pseudo-board and its doubtful composition, whereby the same Rector has an appointing role in terms of board members, an executive role in terms of the executive termination of a Head of School and at the same time, without having the required qualifications. he has imposed himself as the new Head of School with the supposed blessing of the same pseudo-board. The MUT considers that the Rector and the pseudo-board are not able to lead an educational institution through their actions, one of which was the termination of Mr Mallia. The MUT is declaring its mistrust in the Rector and all board members and is requesting their resignation or removal from office.

In a separate communication with the Secretariat for Catholic Education, the MUT has declared a trade dispute with the Dominican Order in Malta responsible for St Albert the Great College. The Union is issuing directives to members today.

*P.T.O. The MUT is also reproducing an open letter by staff of the school.*

# Ittra miftuħa minn membri tal-istaff tal-Kulleġġ San Albert il-Kbir

Aħna, bħala membri tal-istaff tal-Kulleġġ San Albert il-Kbir, qed nikkundannaw it-tkeċċija inġusta tas-Sur Mario Mallia minn Kap tal-Iskola. F'dawn l-aħħar sbatax-il sena, is-Sur Mario Mallia mhux talli mexxa l-iskola b'għaqal, b'sens ta' ġustizzja u bi spirtu demokratiku, talli taħt it-tmexxija tiegħu l-iskola tagħna saret punt ta' riferiment għall-ideali li nħaddnu, għall-pożizzjonijiet b'saħħithom li ħadna favur l-inklużjoni ta' min hu mwarrab, favur sistema edukattiva iktar ġusta, għall-involviment tagħna fl-isfera pubblika dwar diversi kwistjonijiet. Fuq bażi individwali, is-Sur Mallia dejjem kien ferm attiv fid-diversi oqsma edukattivi u ta l-kontribut b'saħħtu tiegħu biex dan il-qasam jimxi 'l quddiem. U dawn l-azzjonijiet tagħna u tiegħu dejjem iddawlu mill-fidi nisranija in ġenerali, mill-kariżma Dumnikana in partikolari u mill-fatt li aħna skola tal-Knisja jew 'Skola-Knisja', kif iħobb jgħid is-Sur Mallia.

Wara bidla fl-aħħar snin fit-tmexxija min-naħa tal-provinċja Dumnikana, bdew jitqajmu numru ta' mistqosijiet. Issa qed nindunaw li dawn il-mistoqsijiet ma bdewx jitqajmu biex l-iskola ttejjeb ċerti prattiċi, jew biex ikun hemm djalogu aħjar, imma biex ċerti individwi jsaħħu l-poter tagħhom fl-iskola. L-għan tagħhom jidher li kien li jimbuttaw l-aġenda neo-konservattiva tagħhom filwaqt li jarmu dak it-tajjeb kollu li jsir fl-iskola ta' kuljum.

Biex jimbuttaw din l-aġenda, f'din l-aħħar sena twaqqaf Bord li kien imsejjes fuq numru ta' pedamenti problematiċi, fosthom li l-istaff ma jistax ikun jaf x'ikun ġie diskuss waqt il-laqgħat tal-Bord, li l-Kap tal-Iskola ma jistax jattendi għal-laqgħat u li r-rettur u ċ-*chairperson* tal-Bord huma l-istess persuna. Li ġara s'issa mal-Bord (apparti laqgħat ta' informazzjoni) kienu deċiżjonijiet giljottina fejn fost l-oħrajn proġetti ta' inklużjoni ġew imwaqqfa ħesrem. U jidher li kien hemm pjan fit-tul li din il-giljottina tinżel ukoll fuq ras is-Sur Mario Mallia.

Biex nagħtu eżempju, fost il-punti ewlenin li semmew biex jiġġustifikaw it-tkeċċija tal-Kap tal-Iskola kien hemm li s-Sur Mallia ma kkonsultax mal-provinċja biex jibda jiġi mgħallem suġġett partikolari (MEET). Permezz ta' dan is-suġġett, kif jissuġġerixxi l-isem, l-għan tagħna kien li tinħoloq bażi għal djalogu mad-differenzi ta' madwarna, li nifhmu id-differenzi li jsawruna u li nagħmlu xi ħaġa fuq l-intolleranza rampanti li nesperjenzaw madwarna. Minflok, il-Bord iddeċieda li dan għandu jieqaf għax ir-rettur ma kienx avżat b'dan. Eżempju ieħor ta' swied il-qalb jikkonċerna t-twaqqif tal-kooperattiva This is Coop minn membri tal-istaff bl-għan li studenti b'diżabbiltà jkunu jistgħu jsibu impjieg wara li jtemmu l-proċess edukattiv tagħhom. Il-Bord sab problema anke b'dan, bħal ma sab problema bil-parteċipazzjoni tas-Sur Mario Mallia fil-politika. Dak kollu li nagħmlu bħala skola, inkluż diskussjonijiet fuq l-affarijiet li jikkonċernaw il-ħajja ta' kuljum tal-iskola, beda jiġi interpretat bħala att ta' insubordinazzjoni meta aħna dejjem rajna d-demokrazija, valur radikali tal-Ordni Dumnikana, bħala aspett li ngħożżu. Meta l-Bord iddeċieda li jitkeċċa l-Kap tal-Iskola, ma mexiex lanqas ma' prinċipju l-iktar bażiku ta' ġustizzja…li jisma' lil kull min hu involut.

Dan kollu, mhux biss hu att inġust ma' bniedem ġust għal raġunijiet oskuri ħafna, imma jitfa' lilna l-bqija tal-istaff f'inċertezza kbira. L-ewwelnett, għalina l-iskola hi proġett komuni ta' komunità miftuħa li ilu s-snin jinbena bil-mod il-mod. Is-Sur Mallia kien sors ta' ispirazzjoni f'dan kollu, però ir-riżultat hu wkoll xogħolna lkoll. Dan issa qiegħed fil-periklu li jitkisser. Apparti dan, b'dan l-attakk kontra l-professjoni edukattiva tagħna, minn nies li minkejja l-kliem, jidher li mhumiex esperti fil-qasam edukattiv, kull membru tal-istaff issa jħossu mhedded li jekk xi ħaġa ma togħġobx lill-Bord, jew lir-rettur, jew lil ħaddieħor li jitfa' n-nar imbagħad jaħbi idu, taqa' l-giljottina fuqu wkoll. Din aħbar kerha wkoll għall-istudenti, ġenituri, eks-studenti u l-ġenituri tagħhom ta' San Albert li fl-iskola tagħna sabu spazju għall-vuċi, il-kreattività tagħhom u l-personalità tagħhom. Fl-aħħar u mhux l-inqas, din hi sħaba sewda wkoll għall-qasam edukattiv f'pajjiżna.

Għalina dan mhux aċċettabbli u qed nitolbu:

1. Li minn għada s-Sur Mario Mallia jerġa' jkun il-Kap tal-Kulleġġ San Albert u li jingħata l-poter kollu ta' Kap ta' Skola,
2. Li mill-iktar fis niltaqgħu, għall-ewwel darba, għax s'issa qatt ma ried ikellimna, mal-Provinċjal Patri Vince Micallef biex niddiskutu l-affarijiet inkwetanti li saru dan l-aħħar,
3. Li kull min fl-Ordni Dumnikan hu ta' rieda tajba, u li jista' jaħseb b'moħħu iqum u jsemma' leħnu għal dak li hu ġust.
4. Nitolbu lill-awtoritajiet konċernati sabiex jieħdu azzjoni fuq din l-inġustizzja. F'dan is-sens, nappellaw lill-Arċisqof Charles J. Scicluna sabiex ikun medjatur fis-sitwazzjoni li qed tkun ta' toqol għall-merħla tiegħu.